# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 459

KAZ NRU. 627

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Vanessa Joan Aquilina
u
Laferla Insurance Service Ltd.
dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' Ottubru, 1992

Chairman: Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons). M.A.

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru tal-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 6 ta' Settembru, 1991 biex jigi deciz skond il-provvedimenti ta' artiklu 28(2) ta' l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal sema' lill-Kurunell Charles Borg ghan-nom ta' l-appellanta u sema' l-eccezzjoni migjuba mis-Sur Alfred Mallia Milanes ghan-nom ta' Laferla Insurance Service Ltd., fis-sens li l-appellanta kellha l-impjieg taghha terminat fi zmien tal-Probation Period u ghalhekk ma jaqax taht il-gurisdizzjoni u kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Fil-fatt l-istatements of case taz-zewg partijiet stqarrew li s-Sinjorina Vanessa Aquilina kellha l-impjieg taghha terminat wara li t gimghat li kienet ilha tahdem, cioe' f'anqas minn xahar.

Ghalhekk it-Tribunal Industrijali jiddikjara li ma jistax jiehu konjizzjoni tal-kaz ghax mhux kompetenti peress li l-impjieg ta' l-appellanta gie terminat fiz-zmien il-Probation Period

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar d-drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali qed jintaxxa ghal kull wiehed mill-persuni deher ghall-partijiet id-drittijiet fis-somma ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20)

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
Segretarju